MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2013

Numru. 385/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**Vs**

**Mark Cauchi ta' 31 sena, iben John u Margaret nee` Gauci, imwieled H'Attar, nhar id-19 ta' Mejju, 1980, residenti gewwa 75, Margerita, Triq Nazzarenu, Rahal Gdid u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 252880M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat tallin nhar is-26 u s-27 ta' Mejju 2008, fi Triq Santa Margerita, Bormla, bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi ittanta li jikkommetti serq minn gewwa vettura tat-tip Hyundai Excel bin-numru tar-registrazzjoni TFD023, liema delitt li kieku sehh kien ikun serq aggravate bil-mezz, bil-

hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Emanuel Camilleri minn Bormla u/jew persuna jew persuni ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u barra mill-volonta tieghu. .

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat qed jaghmel l-almu tieghu biex jirriforma hajtu u kwindi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(f)(g), 263, 270 u 271(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-luim.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Edwina Grima
Magistrat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------